# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 248/2019 RM**

**Saviour Balzan**

**Vs**

**Ivan Camilleri**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Saviour Balzan (ID 127263M) ta' Media Today, Vjal ir-Rihan, San Gwann SGN 9016, ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-31 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkudanna lil Ivan Camilleri (ID 36037 M), 8, Triq il-Wied ta' Rmiedi, Attard, talli:

1. Prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-kummenti tal-intimat fuq il-profil tiegħu Ottubru 2019 (Dok A) huma libellużi u fuq is-sit soċjali Facebook fit-30 ta' malafamanti fil-konfront tar-rikorrent;

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent dik is-somma li tistabbilixxi din il-Qorti bħala danni morali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta’ Ivan Camilleri ppreżentata fit-2 ta’ Diċembru 2019 fejn eċċepixxa:-

*1.Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal kull ma jsegwi, billi dak li ppubblika 1-konvenut mertu ta' din il-kawża hija biss tweġiba fejn il-konvenut caħad allegazzjonijiet għall-kollox skorretti, inveritjeri u altament malafamanti fil-konfront tieghu pubblikati mill-attur fil-gazzetta malta today u fis-sit elettroniku ta' l-istess gazzetta fit-30 ta' Ottubru 2019 (Dokument IC1 hawn anness), l-attur issa għandu l-ewwel u qabel kollox jindika liema partijiet mit-tweġiba tal-konvenut qiegħed isostni illi jimmalafamawh umbagħad għandu jipprova ħsara serja kawżata jew li tista' tiġi kawżata lir-reputazzjoni ta' l-istess attur bhala rizultat tal-pubblikazzjoni ta' dawk is-siltiet minnu indikati. Fin-nuqqas ta' din il-prova, skont l-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istqarrijiet indikati mill-attur ma jitqiesux difamatorji u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*2.Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur billi il-pubblikazzjoni mertu ta' din il-kawża tikkontjeni fatti sostanzjalment veri u kummenti ġusti perfettament permissibbli fl-ordinament ġuridiku ta' dan il-pajjiż;*

*3.B'riżerva ta' eċċezzjonijiet ohra bi tweġiba ulterjuri skond il-liġi kontra l-attur inġunt minn issa sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet tal-attur fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022;

Rat illi l-kawza thalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni ta' libell dwar pubblikazzjonijiet konċernanti serq allegatament kommess mill-konvenut Ivan Camilleri għad-detriment ta' Valyou Supermarket. L-attur jikkontendi li huwa ġie malafamat mill-pubblikazzjoni imtella' mill-konvenut fuq il-profil tiegħu fuq Facebook fit-30 ta' Ottubru 2019 (Dok. A).

Din l-istqarrija tal-konvenut, impunjata f'din il-kawża, tikkonsisti fir-rejazzjoni tal-istess konvenut għall-istorja ppubblikata mill-attur fit-30 ta' Ottubru 2019 fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt, fl-artikolu intestat "*Times journalist Ivan Camilleri confronted by Naxxar supermarket over shoplifting incident*", kif aġġornat ftit tal-ħin wara b'artikolu ieħor intestat "*'Camilleri admitted and paid back more than what he took' - supermarket boss*". Artikolu li fih ġie rapportat li l-konvenut kien seraq minn Valyou Supermarket in-Naxxar, li ġie mwaqqaf mis-security huwa u ħiereġ tal-istabbiliment, wara li ġie osservat fuq CCTV cameras jisraq numru ta' oġġetti ta' valur u li huwa ammetta li seraq.

F'dan l-artikolu l-attur stqarr li l-konvenut kien involut f'"*an incident of shoplifting*"; li dan il-każ inqabad fuq CCTV cameras tal-istabbilment u "*staff manning the CCTV alterted the management that Camilleri had allegedly pilfered an unspecified amount of highly-priced goods*"; "*the journalist was said to have immediately admitted to the crime*". L-attur imbagħad għamel diversi stqarrijiet oħra fl-istess artikolu bi kritika

tal-konvenut, fosthom li l-konvenut għandu "(a) *reputation for muckracking on ministers and Labour appointees*" u li fil-passat aġixxa b'xejra ta' opportuniżmu politiku.

Il-konvenut wieġeb għal din il-pubblikazzjoni permezz ta' *post* ippubblikat fuq il-profil personali tiegħu fuq Facebook fl-istess ġurnata, 30 ta' Ottubru 2019, li hija qed tiġi impunjata f'din l-azzjoni bħala malafamanti.

**L-attur, Saviour Balzan**, xehed illi huwa kien ċempel lil Ray Mintoff il-ġurnata qabel ippubblika l-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2019 u kien ittraskriva l-kontenut ta' din il-konversazzjoni telefonika. F'din it-telefonata, l-attur qal lil Ray Mintoff li kienu diġa' kellmuh xi impjegati tas-supermarket u spjegawlu x'kien ġara, fejn Ray Mintoff wieġbu: "*Għalfejn ser tkisser bniedem hekk, dan għandu familja*". Qallu wkoll: "*Dan jien ikkonfrontajtu wara u kien raġel u ammetta mill-ewwel u nassigurak li ħallas lura iktar milli kellu għal dak li ħa u kien raġel u qal li messu jaf aħjar minn hekk għax hekk jistennew in-nies mingħandi. ... Iva ħallas għall-iżball. Ħalluh. Dan mhux politiku. Ara kieku kien politiku nifhem*".

L-għada, qabel ippubblika l-artikolu f'Maltatoday fit-30 ta' Ottubru 2019, l-attur bagħat messaġġ lill-konvenut fejn qallu "I am writing a story regarding the fact that you were caught shoplifting at Valyou supermarket in Naxxar. I would like to ask you to specify what was the xact amount that you paid back to the supermarket. I would appreciate an answer by 10.30 a.m. this morning."

Għal dan il-messaġġ il-konvenut wieġbu: "*Your information is completely incorrect, a fiction (sic) of your imagination and a blatant lie. I am looking forward to your filthy story so that my lawyers can have some nice work to do. You have to stopp much lower in order to tarnish my reputation and integrity. Publish this in full in your fabricated story please as my reply.*"

L-attur xehed illi huwa kienu diġa' avviċinawh impjegati tas-supermarket biex tawh din l-istorja u kienu qalulu wkoll li l-konvenut kien ilu jisraq mis-supermarket għal żmien twil u meta kien ġie konfrontat minn Ray Mintoff, waslu għal ftehim li l-konvenut iħallas lura ammont partikolari.

Ftit tal-ħin wara li l-artikolu intestat '*Times journalist Ivan Camilleri confronted by Naxxar supermarket over shoplifting incident'* ġie imtella' fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt fil-11.45 a.m., il-konvenut ippubblika stqarrija fuq il-profil tiegħu fuq Facebook fejn għamel l-istqarrijiet impunjati mill-attur f'din il-kawża bħala diffamatorji, u in segwitu għal dan, fl-4.32 p.m. dakinhar stess, l-attur ippubblika artikolu ieħor fuq maltatoday.com.mt intestat "*Camilleri admitted and paid back more than what he took – supermarket boss*" fejn ippubblika wkoll siltiet mill-istqarrija tal-konvenut fuq Facebook.

L-attur xehed ukoll kif *Times of Malta* kienet investigat hija stess l-istorja li huwa kien ippubblika dwar l-allegat serq mill-konvenut - li dak iż-żmien kien impjegat tagħha – u saret taf li effettivament dak li huwa kien ippubblika fir-rigward tal-konvenut kien minnu. Tant hu hekk illi ftit taż-żmien wara, permezz ta' artikolu pubblikat fil-21 ta' Diċembru 2019, *Times of Malta* irtirat stqarrija li kienet ippubblikat fil-31 ta' Ottubru 2019 fejn kienet iddefendiet lill-konvenut in konnessjoni mal-istorja dwar l-allegat serq minn supermarket. F'dan l-artikolu, *Times of Malta* fissret li l-istqarrija preċedenti tagħha kienet qed tiġi irtirata wara li ġie fil-pussess tagħha tagħrif ġdid li jikkorrobora l-istorja pubblikata oriġinarjament mill-editur maniġerjali ta' Maltatoday dwar l-allegat serq kommess mill-konvenut.

**Raymond Mintoff**, prodott bħala xhud mill-attur, xehed quddiem il-Qorti[1] illi huwa vverifika illi l-konvenut kien ħallas lill-*cashier* dak il-ħin għal dawk l-oġġetti li kienu baqgħu fit-*trolley* u ma kienx ħallas għalihom fil-pront. Imbagħad, huwa bagħat għal Ivan Camilleri billi kien klient regolari tas-supermarket u ried jivverifika jekk kien shoplifter regolari, biex fil-każ iwaqqfu. Xehed illi l-konvenut mar ikellmu u skuża

[1] Xhieda tad-29 ta' Jannar 2020.

ruħu miegħu u ammetta wkoll miegħu li veru kien ser jibqa' ħiereġ bihom kieku ma indunatx il-cashier. Xehed ukoll li meta huwa baqa' jissikka lill-konvenut jekk kienx hemm okkażjonijiet oħrajn fejn ma ħallasx, peress li huwa klient regolari, il-konvenut assikurah li dan kien inċident ta' darba u skuża ruħu iżda huwa baqa' jinsisti miegħu li ma kienx konvint u għaliex dan seta' kien qed iseħħ fuq bażi regolari. Ikkonferma illi fil-fatt, il-konvenut, meta qallu li kien qed itella' u jniżżel jekk jirrapportax dan il-każ lill-Pulizija, qal li huwa lest li jħallsu ammont biex iserraħlu moħħu peress li kien klijent regolari tiegħu u offrielu s-somma ta' ħamest elef Euro. Din is-somma l-konvenut ħallasha f'darbtejn.

**Herman Grech**, Chief Editor ta' *The Times of Malta*, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu ta' Saviour Balzan f'Maltatoday dwar l-allegat serq minn Valyou Supermarket, il-*management* ta' Allied Newspapers Limited li tippubblika l-ġurnal *The Times of Malta*, iddeċidew li jiddefendu lill-ġornalist tagħhom Ivan Camilleri billi ppubblikaw stqarrija fil-gazzetta fil-31 ta' Ottubru 2019 fejn innegaw li huwa kien wettaq xi serq mis-supermarket u l-każ seħħ minħabba żvista genwina. Din l-istqarrija huma ppubblikawha wara li kienu kellmu lid-direttur tal-istabbiliment Ray Mintoff li kien tahom x'jifhmu li dan kien inċident ta' darba u kien żball. Iżda in segwitu, meta bdew jisimgħu mingħand diversi persuni li jafuhom li l-fatti kienu differenti mill-verżjoni li kien tahom Ray Mintoff, huwa flimkien mad-direttur maniġerjali ta' *The Times of Malta* reġgħu kellmu lil Ray Mintoff f'Diċembru 2019 u kkonfrontawh b'dak li kienu semgħu. Din id-darba hu stqarr li għalkemm inizzjalment huwa ma riedx ikabbar l-inċident għaliex ma riedx li l-istorja toħroġ fil-pubbliku, fir-realta' l-inċident ma kienx wieħed ta' ftit portata għaliex fil-fatt meta kien ikkonfronta lil Ivan Camilleri kien ammetta miegħu li kien ilu jieħu affarijiet mis-supermarket mingħajr ma jħallas fuq numru ta' snin. Ix-xhud ikkonferma li Ray Mintoff stqarr miegħu wkoll li huwa kien wasal fi ftehim mal-konvenut li jħallsu lura s-somma ta' €12,000 – għalkemm il-valur totali tal-oġġetti misruqa kien jeċċedi dan l-amomnt - minn liema ammont kien laħaq ħallas pagament ta' €5,000. Ix-xhud qal ukoll li in vista ta' din l-informazzjoni ġdida, *Times of Malta* ppubblikat stqarrija fil-

21 ta' Diċembru 2019 fejn irtirat l-istqarrija oriġinali u fejn rikonoxxiet illi l-fatti ppubblikati fl-artikolu ta' Saviour Balzan tat-30 ta' Ottubru 2019 kienu korretti[2].

**Il-konvenut Ivan Camilleri** xehed permezz ta' Affidavit[3] fejn sostna li l-attur Saviour Balzan għalkemm ftit li xejn jafu lil xulxin, kiteb diversi drabi b'animu negattiv fuqu jew fuq il-familja tiegħu fil-gazzetti ppubblikati minnu, fosthom l-artikoli intestati "*Come on Alan, get on with your job*", "*A prisoner in his own castle*", "*This surreal world*" u "*Gonzi, RCC wanted to change rules to placate angry Brussels reporter*".

Fir-rigward tal-inċident tal-allegat serq minn Valyou Supermarket, il-konvenut xehed illi huwa kien nesa jpoġġi xi affarijiet ta' ftit valur li kienu fil-qiegħ tat-trolley taħt xi pakketti tal-ilma, fuq il-conveyor belt u meta l-kaxxiera indunat bihom, huwa ħallas għalihom mill-ewwel. Dan kien ġara diversi ġimgħat qabel l-attur ippubblikat l-artikolu f'Maltatoday fit-30 ta' Ottubru 2019 u għalih dan kien każ magħluq. Xehed illi dan kien biss inċident sfortunat u kuntrarjament għal dak li ġie pubblikat mill-attur, mhux minnu li dan kien każ ta' shoplifting u li huwa u ħiereġ mill-istabbiliment dakinhar, kien ġie mwaqqaf mis-*security* li kienu qed jaraw CCTV cameras u nnega wkoll li nqalgħet kommossjoni. Sostna li ħadd ma waqfu ħiereġ mill-istabbiliment u ħadd ma kellmu mill-*management* tas-supermarket dakinhar u lanqas kien hemm l-ebda CCTV cameras involuti. Iddeskriva l-kontenut tal-artikolu tal-attur bħala gideb u invenzjonijiet u stqarr li dan l-artikolu għamillu ħafna ħsara personali.

Il-konvenut xehed ukoll illi wara ftit jiem kien ċempillu Raymond Mintoff id-direttur tas-supermarket biex imur ikellmu u fil-laqgħa li kellhom, huwa talbu jispjega dak li kien ġara. Huwa spjegalu l-fatti u Raymond Mintoff qallu li għalkemm dan kien jidher li huwa inċident innoċenti, huwa dejjem jirrapporta każijiet bħal dawn lill-Pulizija u f'dan il-każ ma kellux l-ebda garanzija li dak li ġara ma kienx seħħ qabel ukoll. Il-konvenut xehed li b'dan il-kliem hu ħass li kien qed jiġi rikattat minħabba l-

---

[2] Michel Rizzo, direttur maniġerjali ta' Allied Newspapers Ltd fix-xhieda tiegħu, ikkonferma in sostanza din l-istess verżjoni.
[3] 13 ta' Novembru 2020.

pożizzjoni tiegħu ta' ġornalist u billi ma kienx fl-interess tiegħu li dan l-inċident joħroġ fil-beraħ, iddeċieda li joffri lil Raymond Mintoff is-somma ta' €5,000 liema somma huwa aċċettaha minnufih. Ikkonferma wkoll li qatt ma ssemmiet ċifra oħra f'din il-laqgħa.

Il-konvenut xehed ukoll illi s-superjuri tiegħu fil-kumpannija Allied Newspapers kienu bagħtu għalih meta ġie pubblikat l-artikolu tal-attur fit-30 ta' Ottubru 2019 u waqt il-laqgħa li kellu magħhom, huma għamlu kuntatt telefoniku ma' Raymond Mintoff fil-presenza tiegħu u s-Sur Mintoff kien ikkonferma l-verżjoni tiegħu stess u qal ukoll li Saviour Balzan kien dawwar id-diskors. Waslu fi ftehim illi filwaqt li Herman Grech kellu jkompli jindaga dwar dan l-episodju huwa jippubblika stqarrija bħala dritt ta' risposta biex jiddefendi ruħu fuq dan l-inċident u kif verament ġraw l-affarijiet. Ikkonferma li din l-istqarrija ġiet approvata minn Herman Grech u Michel Rizzo qabel ippubblikaha fuq il-profil tiegħu fuq Facebook. Ikkonferma wkoll li fl-31 ta' Ottubru 2019 Herman Grech infurmah illi mill-indaġni li kien wettaq ikkonkluda li l-istorja ta' Saviour Balzan kienet invenzjoni u dakinhar stess, The Times ippubblikat stqarrija intestata "*Why Times of Malta stands by Ivan Camiller after vicious claims*".

Il-konvenut xehed ukoll illi fid-19 ta' Diċembru 2019, Herman Grech u Michel Rizzo bagħtu għalih u kkonfrontawh li ma kienx qalilhom il-verita' dwar l-inċident ta' Valyou Supermarket u li kellhom f'idejhom informazzjoni ġdida li ma qalulux f'hiex tikkonsisti. Dakinhar stess l-impieg tiegħu ġie terminat.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut Ivan Camilleri, bħala ġornalist prominenti li dak iż-żmien kien jaħdem ma' gazzetta rivali ta' Maltatoday (*Times of Malta*) huwa persuna pubblika in kwantu huwa inevitabbilment jeżerċita l-attivita' tiegħu fuq pjattaforma pubblika fejn jingħata pubbliċita' permezz tal-artikoli pubblikati minnu, artikoli li bosta minnhom inevitabbilment ikunu dwar materja ta' interess pubbliku u jew ikunu initizi jqanqlu dibattitu pubbliku. Għalhekk il-konvenut seta' leġittimament

jistenna ċertu qies ta' kritika u skrutinju pubbliku in konnessjoni ma' inċident fejn qed jiġi allegat li huwa kkommetta reat kriminali.

Fid-deċiżjoni **Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagesellschaft m.b.H. v. Austria**, il-Qorti Ewropea riteniet:-

"(w)*hereas the limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians, private individuals lay themselves open to scrutiny when they enter the arena of public debate and then have to show a higher degree of tolerance*."[4]

Kemm hu hekk, l-attur Saviour Balzan, fl-artikolu pubblikat minnu fil-gazzetta Maltatoday u fis-sit elettroniku maltatoday.com.mt fit-30 ta' Ottubru 2019, iddeskriva lill-konvenut bħala "*a former NET and TVM journalist whose reputation for muckraking on ministers and Labour appointees has often led him to personal, off-camera confrontations with his subjects*."

Iżda premess dan, huwa wkoll pależement ovvju anke mir-rakkont fl-istess artikolu dwar episodju b'konnotazzjonijiet politiċi u mir-riproduzzjoni tal-kritika li Daphne Caruana Galizia ppubblikat fil-konfront tal-istess konvenut, li kien jeżisti sfond ta' antagoniżmu fuq xi livell - professjonali jew personali jew ta' xort'oħra - bejn il-partijiet[5]. Fil-fatt, mill-kumpless tal-provi u xhieda u fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti fehmet li dawn il-proċeduri ġew istitwiti mill-attur mhux tant biex jivvindika xi ħsara lir-reputazzjoni tiegħu b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, iżda pjuttost biex juri li huwa kellu raġun u li ma żbaljax meta ppubblika l-istorja fejn il-konvenut inqabad jisraq mill-istabbiliment u speċifikatament, biex iressaq provi li juru u jippuntwalizzaw kif dan ma kienx biss episodju iżolat jew żvista jew "*a mishap*" kif sostna l-konvenut, iżda kien wieħed fost sensiela ta' serqiet kommessi

---

[4] Ara wkoll **Karman v. Russia**, para. 35.

[5] L-attur innifsu xehed li huwa ma għandu "*ebda amiċizja jew ħbiberija ma' dan ir-raġel*" u dan huwa ovvju wkoll mill-artikoli li huwa kien ippubblika fil-passat fuq Maltatoday, esebiti mill-konvenut flimkien mal-Affidavit tiegħu.

mill-konvenut fuq medda ta' żmien minn dan l-istabbiliment. Perċezzjoni li hija evidenti mit-talba li l-attur ressaq b'urġenza biex jiġu elevati u preżervati l-filmati relattiv mis-sistema ta' CCTV cameras ġewwa l-istabbiliment Valyou Supermarket in-Naxxar: bħallikieku dawn il-filmati kellhom juru li l-istqarrijiet tal-konvenut huma malafamanti fil-konfront tiegħu. Dan huwa żbaljat. Mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament malfamanti.

Iżda mhux kompitu tal-Qorti f'azzjoni bħal din għal malafama, tiddeċiedi jekk l-attur kellux raġun jippubblika l-istorja dwar l-allegat serq mill-konvenut jew jekk il-fatti rapportati minnu f'din il-pubblikazzjoni humiex veritjieri. Lanqas mhu kompitu tagħha tiddeċiedi jekk il-verżjoni ta' fatti ppubblikata mill-attur hijiex frott tal-immaġinazzjoni tiegħu jew jekk dak li kiteb huwa żbaljat. **Wara kollox din l-azzjoni tikkonċerna unikament l-istqarrija allegatament diffamatorja li ġiet ippubblikata mill-konvenut fuq Facebook fit-30 ta' Ottubru 2019** u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-attur fit-trattazzjoni finali, m'hijiex eżerċizzju ta' stħarriġ dwar il-verita' o meno tal-istorja pubblikata mill-attur f'Maltatoday fit-30 ta' Ottubru 2019. L-attur ma jistax juża din l-azzjoni biex jikseb pronunzjament ġudizzjarju li l-konvenut kien żbaljat meta stqarr li l-istorja ppubblikata f'Maltatoday fit-30 ta' Ottubru 2019 hija invenzjoni u gidba u mimlija ineżattezzi.

Fil-fatt, l-azzjoni għall-malafama għandha tfalli jekk ma jintweriex illi l-konvenut permezz tal-istess stqarrijiet ippubblikati minnu, ikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u għalhekk, l-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'din il-kawża huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija tal-konvenut ikkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Jiġi osservat illi l-attur imkien ma fisser fix-xhieda tiegħu f'hiex tikkonsisti l-ħsara serja li suppost l-istqarrijiet tal-konvenut, speċifikatament impunjati f'din il-kawża, ikkaġunaw jew huma kapaċi jikkaġunaw lir-reputazzjoni tiegħu, jew b'liema mod ir-reputazzjoni tiegħu sofriet ħsara b'effett tal-pubblikazzjoni tal-konvenut: kriterju ta'

prova li huwa fondamentali għas-suċċess, anzi l-proponibbilita' tal-azzjoni għal malafama.

Fil-fatt, l-attur fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti li huwa mhux interessat f'danni iżda "*jiena interessat għal ħafna allegazzjonijiet fil-konfront tiegħi u akkużi ... fosthom ... li jien qiegħed paid consultancy*." Allegazzjoni li mill-provi ma jirriżultax li saret mill-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata u ma jidhirx li tifforma l-mertu ta' din il-kawża. L-attur xehed ukoll: *" ... minkejja d-differenzi li jista' jkolli ma' Ivan Camilleri jiena I am not in it for the pound of flesh. M'inix interessat la nniżlu iktar milli hu dan. Mhux dak l-interess tiegħi."*

Fin-nuqqas ta' prova ta' din il-ħsara u stabbilit li l-attur mhux interessat f'danni, il-Qorti qajla tifhem kif tista' tiġġudika a favur tal-attur meta f'din l-azzjoni, il-Qorti hija msejħa biex tiddikjara jekk l-istqarrijiet ippubblikati jikkaġunawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u tillikwida per konsegwenza, id-danni morali b'kumpens għal malafama. Jekk l-attur m'huwiex interessat f'danni morali biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata lir-reputazzjoni tiegħu iżda huwa interessat biss f'determinazzjoni li l-artikolu minnu miktub – mhux mertu ta' din l-azzjoni – hija l-verita', huwa ovvju li l-attur innifsu mhux veru jemmen li r-reputazzjoni tiegħu sofriet ħsara b'effett tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-konvenut.

L-azzjoni għal malafama trid tintuża għall-iskop intiż tagħha u mhux biex wieħed jisfida lill-pubblikatur għaliex huwa ċaħad pubblikament l-allegazzjonijiet ippubblikati mill-persuna aggravata. Is-sodisfazzjon personali tal-persuna aggravata u l-użu tal-azzjoni għal malafama bħala pjattaforma għat-tkissir ulterjuri tar-reputazzjoni tal-persuna mħarrka, huwa mottiv li jmur lil hinn mill-għan tal-azzjoni għal malafama li, kif inhuwa risaput, hija l-għodda legali għad-difiża tar-reputazzjoni

u li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni u mhijiex intiża biex jiġi deċiż x'inhi l-verita'[6] jew li tiġi korretta xi stqarrija li hija falza.

Ikkunsidrat;

Fix-xhieda tiegħu, l-attur indika l-istqarrijiet li saru fil-paragrafi bin-numru 6 u 7 tal-pubblikazzjoni tal-konvenut bħala l-istqarrijiet malafamanti fil-konfront tiegħu.

Dawn l-istqarrijiet huma s-segwenti:-

"*6. The article penned by Mr. Balzan is full of incorrect claims.*
*At no point was I "confronted", its a lie that 'staff manning the CCTV alerted management' and "no incident was revealed to the management after the shoplifting took place.*
*There was NO SHOPLIFTING except in Mr Balzan's fertile imagination".*
*"7. The fact that a Managing Editor of a newspaper tried to conjure a story out of an innocent incident, which can happen to anyone, is beyond belief.*
*It shows how the so-called editor has a clear agenda to try to tarnish the reputation of serious people who spent their lives fighting what is wrong, no matter who does it and the personal sacrafices such a job entails.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attur, persuna pubblika b'karriera twila fil-ġornaliżmu, ippubblika fuq gazzetta prominenti u fuq il-verżjoni diġitali tagħha, allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-konvenut, ukoll ġornalist bħalu, u esponih lill-poplu in ġenerali bħala ħalliel. F'dan l-isfond, l-attur ma jistax ma jistennix li l-konvenut jiddefendi ruħu billi jwieġeb għall-allegazzjonijiet ippubblikati dwaru.

Fil-fatt, il-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tiegħu, jeċċepixxi li l-pubblikazzjoni impunjata tikkostitwixxi ċaħda ossia r-risposta tiegħu għall-

[6] Anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verita', deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verita'.

allegazzjonijiet infondati li saru fil-konfront tiegħu fl-artikolu ppubblikat mill-attur fit-30 ta' Ottubru 2019. Imbagħad, quddiem il-Qorti, l-abbli avukat tal-konvenut argomenta illi l-azzjoni attriċi għal malafama ma tistax tirnexxi għaliex l-istqarrijiet allegatament diffamatorji kienu maħsuba bħala risposta għal pubblikazzjoni li saret mill-attur kontenenti dikjarazzjonijiet pależement diffamatorji, dikjarazzjonijiet li kkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess konvenut. Huwa jissottometti illi f'ċirkostanzi bħal dawn, l-istqarrijiet impunjati, ġaladarba ġew ippubblikati sewwasew biex jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu nnifsu kontra u biex jirribatti l-allegazzjonijiet skorretti u malafamanti ippubblikati mill-attur, huma permessibbli u ġew ippubblikati leġittimament.

Il-Qorti hawnhekk trid tissenjala illi għalkemm huwa minnu li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-konvenut saret b'rejazzjoni u in linea ta' risposta għall-attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu, dan m'huwiex id-dritt għar-risposta li hija maħsuba fl-Artikolu 15 tal-Kap. 579 fejn persuna li *inter alia* l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama permezz ta' pubblikazzjoni, hija intitolata li titlob lill-pubblikatur sabiex minnufih jippubblika mingħajr ħlas u fl-istess medium, dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-konvenut ma invokax id-dritt tiegħu li jitlob lill-attur jippubblika l-istqarrija impunjata f'artikolu separat imtella' fuq maltatoday.com[7], iżda għażel li jippubblika risposta huwa stess fuq il-profil tiegħu fuq Facebook. Dan ifisser illi diversament mir-risposta taħt l-Artikolu 15 tal-Kap. 579, il-konvenut m'huwiex marbut li jillimita l-istqarrija tiegħu għal korrezzjoni, spjegazzjoni jew kontradizzjoni tal-fatti u ma jżidx sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti u lanqas m'hu marbut li jassigura li r-risposta ma tkunx malafamanti. Għall-kuntrarju, jekk il-konvenut jirnexxilu juri li din l-istqarrija ġiet ippubblikata lil persuni interessati u b'risposta kontra l-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu u juri wkoll li d-dikjarazzjonijiet u sottomissjonijiet ta' opinjoni tiegħu formanti parti minn din l-

[7] Għandu jingħad illi wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel artikolu tal-attur fit-30 ta' Ottubru 2019 fil-11.45 a.m. il-konvenut kien bagħat messaġġ lill-attur fejn talbu jippubblika l-kontenut tal-messaġġ bi dritt għar-risposta u l-attur effettivament ippubblika dak il-messaġġ fit-tieni artikolu li ġie mtella' iktar tard dakinhar stess fil-4.32 p.m.

istqarrija huma relevanti għall-materja, l-azzjoni għal malafama dwar din ir-risposta, ma tistax tirnexxi.

Il-Qorti wara li rat il-provi u x-xhieda, fehmet illi l-konvenut, li ilu tletin sena fil-professjoni, ħassu ferm aggravat u urtat b'din il-pubblikazzjoni tal-attur, pubblikazzjoni li skont hu, tikkontjeni allegazzjonijiet foloz u li saret bl-iskop li tħammeġ ir-reputazzjoni tiegħu u b'hekk, irrejaġixxa għaliha. Kemm hu hekk, huwa minnufih ippubblika fuq il-profil tiegħu personali fuq Facebook l-istqarrija impunjata mill-attur f'din il-kawża[8]. Mill-provi jirriżulta illi din il-pubblikazzjoni tal-attur eventwalment wasslet għat-tkeċċija tal-konvenut mill-impieg tiegħu bħala ġurnalist anzjan ma' Allied Newspapers Limited.

F'din l-istqarrija l-konvenut irribatta l-allegazzjoni ta' shoplifting u ta l-verżjoni tiegħu dwar kif kien żvolġa l-inċident in kwistjoni u spjega li kuntrarjament għal dak li ġie rapportat mill-attur fl-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2019, dan ma kienx każ ta' shoplifting iżda kien każ ġenwin fejn kif kien ħiereġ mill-istabbiliment, kienu ġibdulu l-attenzjoni tiegħu li kien hemm xi oġġetti fit-*trolley* tiegħu li ma kienx ħallas għalihom. Qal li kien proprju f'dan il-waqt li huwa rrejalizza li kien nesa dawn l-oġġetti fit-*trolley* u minnufih skuża ruħu u ħallas il-prezz dovut. Esprima wkoll it-tħassib tiegħu dwar kif editur maniġerjali ta' gazzetta seta' qatt jasal biex isawwar storja sensazzjonali bħal din minn inċident innoċenti u stqarr li hija l-fehma tiegħu li fiċ-ċirkostanzi, l-attur ippubblika din l-istorja in malafede bl-iskop uniku li jħammeġ ir-reputazzjoni tiegħu.

Kif diġa' ngħad, il-Qorti m'hijiex imsejħa f'din il-kawza biex tiddeċiedi jekk dak li ġie allegat mill-konvenut huwiex minnu jew biex tiddeċiedi min għandu raġun fuq l-istorja tal-allegat *shoplifting*: il-konvenut, li ħass li l-attur ivvinta storja fuqu u gideb meta qal li huwa seraq mill-istabbiliment, jew l-attur, li dan kien każ ta' shoplifting da

[8] Il-konvenut xehed li din l-istqarrija huwa ppubblikaha bl-approvazzjoni tas-superjuri tiegħu wara li huma vverifikaw il-fatti mad-direttur tal-istabbiliment Raymond Mintoff.

parti tal-konvenut li konfrontat mill-management tal-istabbiliment, ammetta li huwa seraq u ħallas lura ferm iktar mill-valur tal-oġġetti misruqa.

Din hija azzjoni ta' libell u għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-istqarrijiet li saru mill-konvenut fil-konfront tal-attur u li qed jiġu hawnhekk impunjati mill-attur, humiex diffamatorji a tenur tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[9] u fl-affermattiv, jekk il-konvenut setax leġittimament jagħmel dawk l-istqarrijiet taħt xi protezzjoni li tagħti l-liġi tal-malafama.

Il-Qorti tosserva illi huwa minnu li l-ġurisprudenza in materja tirrikonoxxi illi imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[10], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Iżda fl-istess waqt, taqbel ukoll illi l-istqarrijia pubblikata mill-konvenut ġiet ippubblikata bħala '*a reply to an attack*' u taqbel mal-konvenut illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa kien intitolat jirrejaġixxi bil-pubblikazzjoni ta' tweġiba għall-attakk li sar mill-attur fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Gatley[11], fil-kummenti tiegħu dwar dan l-aspett tal-prinċipju ta' dikjarazzjonijiet li jsiru f'okkażjonijiet privileġġjati, jgħid hekk:-

"*... a person whose character or conduct has been attacked is entitled to answer such attack, and any defamatory statements he may make about the person who attacked him will be privileged, provided they are published bona fide and are fairly relevant to the accusations made.*"[12]

---

[9] Biex stqarrija titqies li hija diffamatorja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, irid jintwera li twassal imputazzjoni li tikkawża ħsara serja jew tista' tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.
[10] **Collins on Defamation** (2014 Ed.), 6.10 p. 117.
[11] **Gatley on Libel and Slander**. 2013 Ed.
[12] *Ibid*. 14.51, p. 596.

Il-ħsieb wara l-għoti ta' privileġġ f'okkażjonijiet simili fejn teżisti esiġenza raġjonevoli għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti, ġie mfisser hekk:-

"*... it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest.*"[13]

Dan il-prinċipju jikkonċedi lill-persuna li jħoss li r-reputazzjoni tiegħu ġiet inġustament attakkata bil-pubblikazzjoni ta' imputazzjonijiet malafamanti, il-privileġġ li jwieġeb għall-imputazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu permezz ta' tweġiba li tiġi ppubblikata bħala att ta' leġittima difesa bil-ħsieb li tirribatti l-imputazzjonijiet malafamanti u tattakka l-kredibbilita' ta' min beda l-attakk. Fir-rigward, Collins ifisser li dan il-privileġġ huwa disponibbli fl-okkażjoni ta' attakk fuq il-karattru, kondotta jew interessi ta' persuna, fejn dik il-persuna ikollha "*... an interest in responding to that attack in the requisite sense, and those to whom the attack was published have a corresponding interest in receiving the person's response to the attack.*"[14]

Jiċċita d-deċiżjoni fil-każ **Hamilton v. Clifford** (2004) EWHC 1542 (QB)[15] fejn ġie ritenut:-

"*The defendant would be entitled to protect his reputation by a proportionate response which was appropriate both in terms of subject matter and scale of publication. In order for a defendant to avail himself of this form of privilege, the response should not go into irrelevant matters or, in particular, cross over into an attack on the integrity of the claimant if it is not reasonably necessary for defending his own reputation.*"

[13] **Gerhold v Baker** 1918 HL W.N. 368 CA at 369 – Gatley 14.8 p. 547.
[14] **Collins On Defamation**: Matthew Collins QC, 2014 Ed., 11.22 p. 233.
[15] Per Eady J. P. 65 – Collins *ibid.* 11.23, p. 234.

Huwa aċċettat illi l-privileġġ jgħodd minkejja li t-tweġiba jkun fiha fatti jew imputazzjonijiet foloz jew sottomissjonijiet skorretti purche' t-tweġiba tkun relevanti għall-okkażjoni, proporzjonata u ssir mingħajr malizzja.

"*In such cases* ***no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be*** *but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury.*"[16] (emfasi tal-Qorti)

Fil-fatt, huwa ritenut illi l-persuna – bħall-konvenut fil-każ odjern - li tiddefendi ruħha kontra attakk bħal dan permezz tal-pubblikazzjoni ta' risposta, tgawdi minn parametri wiesa' fid-difiża tar-reputazzjoni tagħha u hija intitolata li tippubblika risposta robusta anke biex timmina l-kredibbilita' ta' min ikun immalafamaha u tista' twieġeb iktar minn darba[17]: "*the law does not concern itself with niceties in such matters*"[18].

Gatley jagħmel referenza wkoll għal ġurispridenza iktar remota[19] li ġiet ċitata b'approvazzjoni fil-każ reċenti **Harbour Radio Pty Ltd v. Trad** (2012) HCA 44:-

"*The foundation of the privilege is the necessity of allowing the party attacked free scope to place his case before the body whose judgement the attacking party has sought to affect ... The purpose is to prevent the charges operating to his prejudice. It may be conceded that to impugn the turth of the charges contained in the attack and even the general veracity of the attached, may be a proper exercise of this privilege, if it be commensurate with the occasion.*"

Din id-difiża ġiet ukoll mistħarrġa, fost materji oħrajn, mill-High Court (UK) fid-deċiżjoni reċenti **Shakil-Ur-Rahman v. AYR Network Ltd et**[20] fejn għalkemm id-

[16] **Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517.
[17] Puche' r-risposti jkunu proporzjonati, raġjonevoli u relevanti.
[18] **Turner v. MGM Pictures** – ċitat f'Gatley, *bid.* 14.51. p. 597.
[19] **Penton v. Calwell** (1945), HCA 51 (1945) 70 C.L.R. 219.

difiża ġiet respinta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dik il-kawża, il-Qorti riteniet illi biex stqarrija allegatament diffamatorja titqies bħala *a reply to an attack*, din trid tkun saret b'risposta għall-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tal-konvenut iżda fil-każ li kellha quddiemha, l-kummenti impunjati li kienu saru f'xandira televiżiva, ma setgħux jiġu interpretati bħala risposta għal attakk għaliex kienu saru b'rejazzjoni mhux għal attakk iżda għal proċeduri ġudizzjarji li ġew istitwiti minn terzi u għalhekk, l-unika risposta leġittima fiċ-ċirkostanzi kellha ssir permezz ta' difiża f'dawk l-istess proċeduri u mhux bil-pubblikazzjoni lill-pubbliku in ġenerali ta' stqarrijiet diffamatorji.

Din il-linja ta' difiża hija rikonoxxuta wkoll fl-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tagħha tal-jedd fondamentali sanċit mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, fil-każ **Sanocki v. Poland**[21], il-Qorti Ewropea rikonoxxiet id-dritt tal-applikant li jiddefendi ruħu permezz ta' risposta pubblikata fil-midja, kontra attakk konsistenti fil-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' artikoli f'gazzetta lokali bi kritika tal-kondotta tiegħu bħala sindku tal-belt ta' Nysa u b'allegazzjonijiet fost oħrajn ta' amministrazzjoni ħażina ta' fondi pubbliċi. Għalkemm f'dan il-każ l-applikant kien persuna fil-politika għaliex kien is-sindku, l-artikolu impunjat li ġie dikjarat mill-qrati domestiċi bħala diffamatorju, kien ġie pubblikat minnu fil-kapaċita' tiegħu ta' ġornalist u pubblikatur, bħala risposta għal allegazzjonijiet ta' attivatjiet suspettużi u kontroversjali. Il-Qorti Ewropea riteniet li l-pubblikatur tal-allegazzjonijiet kellu jistenna rejazzjoni mingħand is-soġġett tal-kritika tiegħu u rikonoxxiet illi l-jedd tal-liberta' tal-espressjoni ma jeskludix li din ir-risposta tista' tkun fiha wkoll skont il-każ, ċertu doża ta' provokazzjoni u esaġerazzjoni kif ukoll stqarrijiet li huma malafamanti[22].

*61. Toutefois, la Cour considère qu'il ne résulte pas de ce qui précède que l'homme politique doit voir sa liberté de répondre à ces critiques restreinte.* ***Il doit pouvoir présenter son point de vue et se défendre lorsqu'il considère que les publications***

---

[20] Deċiża 2.12.2016, (2016) EWHC 3110 (QB).

[21] Deċiż 17.7.2007 App. 28949/03.

[22] F'dan il-każ ġie deċiż illi d-deċiżjoni tal-qrati domestiċi li jqisu r-risposta pubblikata mill-applikant bħala diffamatorju, kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jedd protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

***mettant en cause sa personne sont mensongères et pourraient induire en erreur l'opinion publique sur sa façon d'exercer le pouvoir****.*

*62. De l'avis de la Cour, il convient en effet d'aménager* ***un juste équilibre entre les privilèges accordés aux journalistes d'émettre des critiques sur les actions des dirigeants et le droit de ces derniers de pouvoir y répondre, de protéger leur réputation et d'informer le public sur la façon dont ils exercent le pouvoir****.*

…

*65. En conséquence, la Cour considère qu'alors que la liberté d'expression d'un journaliste comprend le recours possible à une dose d'exagération, voire même de provocation (Dalban c. Roumanie, recueil 1999-VI, § 49), un homme politique qui répond par la voie de la presse à des critiques émises à son encontre doit pouvoir le faire selon les mêmes principes.*

...

*68. ...* ***Certes désobligeantes, dans le contexte global de l'affaire elles ne sauraient être considérées comme dépassant les limites admissibles de la liberté d'expression****.*
(emfasi ta' din il-Qorti)

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ quddiemha, il-Qorti tosserva illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur mhux biss ġew ippubblikati mill-konvenut minnufih biex jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu u biex jimmina l-kredibbilita' tal-attur, iżda ġew ukoll ippubblikati fuq pjattaforma li huwa ferm inqas aċċessibbli mill-pjattaforma li fuqha ġew ippubblikati l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut u għalhekk, ma jistax jingħad li din ir-risposta ġiet ippubblikata li persuni li ma kellhomx interess jirċievuha[23]. Fil-fatt, l-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2019, li jikkostitwixxi l-attakk, ġie pubblikat mill-attur lill-pubbliku in ġenerali fil-midja fuq *online news portal* li hija aċċessibbli minn kulħadd u fuq gazzetta lokali, lil numru indefinit ta' qarrejja. Min-naħa l-oħra, l-istqarrijiet impunjati ġew ippubblikati fuq il-profil personali tal-konvenut fuq Facebook li huwa aċċessibbli biss lill-utenti ta' Facebook.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur, fil-paragrafi 6 u 7 tal-pubblikazzjoni impunjata, huma lkoll **relevanti għall-fini ta' risposta għall-attakk fuq ir-reputazzjoni għaliex il-konvenut wieġeb limitatament biex iddikjara l-verżjoni tiegħu tal-fatti li seħħew, biex igiddeb lill-attur u jimmina l-**

[23] Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk: *"... a person whose character or conduct has been attacked in the public press is entitled to have recourse to the press in his defence and vindication. If, in answering such attack, he makes relevant defamatory statements about the person who has attacked him, such statements are prima facie privileged." Ibid.* 14.52. p. 599. Fil-każ odjern, il-konvenut ma rrikorriex għall-midja biex jippubblika r-risposta għad-difiza tiegħu għalkemm evidentement seta' leġittimament jagħmel dan.

**kredibbilita' tiegħu, kif ukoll biex jesprimi l-fehma tiegħu dwar il-mottiv wara l-pubblikazzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet (li l-attur għandu aġenda biex iħammeġ ir-reputazzjoni ta' persuni serji bħalu**).

Fir-rigward speċifikatament l-istqarrija tal-konvenut bil-fehma tiegħu dwar l-animu tal-pubblikazzjoni tal-attur u l-aġenda li jħaddem, il-Qorti tqis illi fl-assjem taċ-ċirkostanzi li jirriżultaw mill-provi, fosthom il-kummenti tal-attur dwar ir-reputazzjoni tal-konvenut u l-allegazzjonijiet ulterjuri li ppubblika fl-artikolu tiegħu dwar il-kondotta tal-konvenut fil-passat u dwar martu - **allegazzjonijiet mhux relatati mal-istorja dwar is-serq mertu tal-artikolu tat-30 ta' Ottubru 2019** - din l-istqarrija, għalkemm tikkostitwixxi attakk fuq l-intenzjonijiet bona fide tal-attur, hija relevanti għall-okkażjoni u raġjonevolment meħtieġa għad-difiża tiegħu nnifsu u ta' membru tal-familja tiegħu. Għalhekk, in kwantu m'hijiex estraneja għat-tema tal-attakk, ma tistax titqies li teċċedi l-limiti tal-okkażjoni privileġġjata in diżamina.

Il-Qorti tfakkar illi l-ġurisprudenza paċifika in materja tirritjeni illi anke jekk l-istqarrijiet li jsiru fir-risposta għall-attakk huma foloz u saħansitra diffamatorji, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala privileġġjati jekk jintwera li dawn kienu b'mod ġenerali konnessi mat-tema tal-attakk u raġjonevolment meħtieġa għad-difiża tar-reputazzjoni tal-persuna li twieġeb għall-attakk. Fil-fatt, Gatley jirreferi għall-każ **O'Donoghue v. Hussey** "(where) *it was held that it was a reasonable mode of defence for a person, whose conduct and character had been assailed in a public newspaper, to state publicly that his assailant was known to be a person in the habit of making misstatements*"[24].

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien in buona fede meta għamel l-istqarrija illi l-attakk kontrih hija manifestazzjoni tal-aġenda tal-attur li jħammeġ ir-reputazzjoni tiegħu u ta' persuni serji oħrajn. Mhux hekk biss, talli f'kull każ l-attur naqas b'mod assolut milli juri li l-istqarrija tal-konvenut - għad illi din tista'

[24] Gatley *ibid.* P. 618 14.68. Vide wkoll **Curran v. Scottish Daily Record and Sunday Mail Ltd** (2011) CSIH 86; 2012 Rep. L.R. 30.

ma tkunx veritjera u tista' tkun addirittura malafamanti fil-konfront tiegħu – saret malizzjożament jew bil-ħsieb li jinġurja lill-attur u jimmalafamah. Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi din l-istqarrija l-konvenut kienet intiża speċifikament mhux biss biex jipprova jimmina l-akkużi kontrih u jnaqqas il-potenzjal tagħhom li jippreġudikawh u b'hekk jilqa' kontra l-attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu bl-allegazzjonijiet kollha li saru fil-pubblikazzjoni tal-attur, iżda wkoll għad-difiża ta' membri tal-familja tiegħu, senjatament martu, li ssemmiet fil-pubblikazzjoni f'kuntest negattiv in konnessjoni ma' opportuniżmu politiku.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti m'għandhiex dubju li hawnhekk ir-risposta bil-kontro-attakk tal-konvenut fuq il-kredibbilita' tal-attur saret proporzjonalment għall-attakk tal-attur li kif rajna, bl-istorja tas-serq u allegazzjonijiet ta' opportuniżmu politiku fil-pubblikazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2019, immina huwa stess l-kredibbilita' u l-integrita' tal-konvenut.

Illi in konklużjoni, il-Qorti trid tissenjala illi għalkemm huwa minnu li din id-difiża m'hijiex komtemplata espressament mil-liġi fl-Att dwar il-Mdija u l-Malafama (Kap. 579), l-Artikolu 4(6) tal-Att jirrikonoxxi kwalunkwe difiża oħra li twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal malafama.

Dan jipprovdi: *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.*

Barra minn hekk kif inhuwa risaput, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama hija riproduzzjoni kważi *verbatim* tad-Defamation Act (UK) 2013 u għalhekk il-Qorti tqis illi l-insenjament tal-qrati Ingliżi u tal-ġuristi in materja għandu jkun ta' gwida għal

din il-Qorti fl-interpretazzjoni tagħha ta' din il-liġi. Għalhekk, billi jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-pubblikazzjoni impunjata tikkostitwixxi r-risposta ossia ċaħda ta' allegazzjonijiet skorretti li saru fil-konfront tiegħu, hija speċifikatament rikonoxxuta mill-ġurisprudenza tal-qrati Ingliżi bħala okkażjoni privileġġjata imsejħa "*reply to an attack*", applikata anke fl-ambitu tal-UK Defamation Act 2013 u kif ukoll rikonoxxuta fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba u fondata u sejra tilqagħha.

Għaldaqstant l-istqarrijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tal-attur għaliex saru f'okkazjoni privileġġjata.

Ikkunsidrat;

Illi mhux hekk biss, iżda l-Qorti hija konvinta wkoll illi din l-istqarrija tikkostitwixxi l-opinjoni onesta tal-konvenut ibbażata wkoll fuq is-sensiela ta' artikoli pubblikati preċedentement mill-attur fuq il-gazzetta Maltatoday fejn l-attur mhux biss kiteb negattivament dwaru iżda wkoll attakka speċifikatament u regolarment il-kondotta ta' ħuh bħala l-Kap Eżekuttiv ta' dak iż-żmien ta' Malta Enterprise, liema artikoli jissodisfaw, fil-fehma tal-Qorti, il-ħtiġiet tal-paragrafu (ċ) tal-Artiklu 4(2) tal-Kap. 579. Ma jirriżultax mill-kumpless tal-provi akkwiżiti, li l-konvenut ma emminx fil-veraċita' tal-allegazzjonijiet li huwa ppubblika fil-konfront tal-attur fir-risposta tiegħu, impunjata f'din il-kawża.

Għall-Qorti, dan ifisser illi f'kull każ, il-fehma tal-konvenut fit-tieni sentenza tal-paragrafu 7 tal-istqarrija tiegħu, tissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-difiża tal-opinjoni onesta taħt l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579 li effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment*[25], difiża li ġiet eċċepita mill-konvenut fit-tieni paragrafu tar-Risposta tiegħu.

[25] Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":- "*… the common law defence of fair comment has been abolished …. and **replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law**.*"[25] [emfasi tal-Qorti] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188. Għalhekk, il-

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenut tat-2 ta' Diċembru 2019 safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talbiet tal-attur Saviour Balzan, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' *"fair comment"* titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.